# Santa Tereża ta' Ġesù

## *Il-kontemplazzjoni fil-Ktieb tal-Ħajja*

**minn P. Glen Attard, O.Carm.**

Teresa Sánchez de Cepeda y Ahumada twieldet fit-28 ta' Marzu 1515 f'soċjetà Spanjola li kienet tqis li l-mara u r-raġel għandhom rwoli ben determinati x'jaqdu. Fl-ewwel ktieb tagħha, il-*Ktieb tal-Ħajja (Ħajja)*, miktub bejn l-1560 u 1562 għax intalbet tagħmel dan mill-konfessur tagħha, Santa Tereża tistabbilixxi ruħha bħala kittieba mill-aqwa tal-ħajja spiritwali, u hija u tagħmel dan, b'xi mod, taqbeż il-barrikata soċjali li kienet tifred l-irġiel min-nisa. Hija taqsam magħna f'dan il-ktieb "dak li s-Sinjur mill-esperjenza għallimni f'27 sena biss ta' talb" (*Ħajja* 10:9). Meta titkellem dwar dan il-ktieb hija tindirizzah bħala "ir-ruħ tiegħi" (*Ħajja* 16:6, epil:4), u, fil-fatt, anke Miguel de Unamuno jkompli, "filwaqt li popli oħrajn ħallewlna kitbiet, aħna ħallejna erwieħ. *Il-Ktieb tal-Ħajja* jgħodd daqs kull istituzzjoni u daqs kull *Kritika tar-Raġuni Pura.*" *Il-Ktieb tal-Ħajja* għaldaqstant huwa analiżi rigoruża introspettiva daqskemm narattiva awtobijografika ta' esperjenzi reliġjużi. Xi wħud mill-istudjużi saħansitra jsejħulu l-ktieb l-aktar "personali" tas-seklu tiegħu.

Tereża tinfetaħ beraħ quddiem il-qarrej tagħha bl-esperjenzi tagħha tat-talb l-aktar intimi. L-intenzjoni tagħha hija li "tqabbad l-aptit tal-erwieħ għal tjubija daqshekk kbira" (*Ħajja* 18:8). Tgħidilna, *il-Ktieb tal-Ħajja* "Ktibtu biex dawk l-erwieħ l-aktar dgħajfa, bħali, jikkonslaw u qatt ma jaqtgħu qalbhom mill-kobor ta' Alla [...] din kienet waħda mill-affarijiet li lili l-aktar ħeġġitni biex nobdi u nikteb dan kollu [...] Araw x'għamel miegħi, kont iktar negħja jien noffendih milli s-Sinjur jaħfirli fil-ħniena tiegħu. Qatt ma jista' jegħja milli jagħtina jew li tispiċċalu din il-ħniena. Ejjew mela lanqas aħna ma negħjew milli nirċevuhom" (*Ħajja* 19:3-4,15). Fil-*Ħajja* Tereża ssemmi spiss il-kontemplazzjoni, madwar tletin darba fil-fatt. Aħna u naqraw il-*Ħajja*, filwaqt li nakkumpanjaw lil Tereża fil-vjaġġ ta' ruħha li tirrakkontalna b'lingwaġġ aċċessibbli għall-aħħar, naraw isseħħ fiha bidla fil-mod ta' kif tħares lejn u tirrelata ma' Alla filwaqt li tistieden lilna wkoll nevolvu fil-mod ta' kif aħna stess nirrelataw ma' Alla. Il-qarrej mela mhuwiex spettatur, imma jinvolvi ruħu fid-drama li l-Qaddisa qiegħda tesponi quddiemna, id-drama ta' relazzjoni ħajja u mħeġġa ma' Alla.

Il-Qaddisa tistqarr li fil-bidu kienet il-biża' li resqitha lejn il-ħajja reliġjuża (ara *Ħajja* 3:6) iżda aktar ma kibret fl-intimità ma' Alla aktar tgħallmet tintelaq kollha fiduċja fih. Damet kważi għoxrin sena f'dak li hi ssejjaħlu "baħar imqalleb" li fihom, tgħidilna, "la kont ingawdi lil Alla u lanqas kont kuntenta ma' dawk ta' madwari" (*Ħajja* 8:2). Tereża, bħal kull persuna oħra, kellha titgħallem tagħmel il-pass mid-dawl għad-dlam tar-ruħ, mis-sigurtà tagħha nnifisha għal dak li Alla xtaq minnha, mill-biża' għall-imħabba divina. Fi kliem ieħor, tgħidilna, "xtaqt ngħix għaliex kont naf li mhux qed ngħix; imma kont qisni qed nissara ma' dell il-mewt, bħallikieku ma kienx hemm min jagħtini l-ħajja u b'hekk nirċeviha" (*Ħajja* 8:13). Tereża kienet konxja minn fejn kienet ġejja din il-biża' tagħha, "ma poġġejtx għalkollox il-fiduċja kollha tiegħi fis-Sinjur u għalhekk tliftha" (*ibid.*). Il-kontemplazzjoni għal Tereża tfisser l-ewwel nett dispożizzjoni għal Alla, li nkunu miftuħin għalih, li niċċaqalqu mar-ritmu tiegħu minflok dak tagħna, u li nitgħallmu nħobbu bl-imħabba tiegħu. Tgħidilna Tereża, "li nħarsu lejn il-ħajja tiegħU huwa l-aħjar eżempju. Xi rridu iżjed minn dan il-Ħabib tajjeb maġenbna, li ma jitlaqniex weħidna fit-tribulazzjonijiet tagħna kif jagħmlu dawk tad-dinja?" (*Ħajja* 22:7) Il-

kontemplazzjoni mela hija l-għaqda dejjiema tagħna tul il-mixja ta' din il-ħajja ma' Alla, "anke jekk fil-quċċata tal-kontemplazzjoni, għax hawn it-triq hija żgura" (*ibid.*). Tereża lil Alla tgħidlu, "Sinjur, b'ħafna tjubija kkastigajt dnubieti" (*Ħajja* 7:18).

Quddiem statwa żgħira tal-*Ecce Homo*, seħħet il-konverżjoni ta' Tereża f'riġlejn Kristu miġruħ. "Imbierek tkun għal dejjem, Sinjur, li għalkemm ħallejtek, int ma tlaqtnix għalkollox hekk li tajtni idek biex nerġa' nqum; ħafna drabi, Sinjur, ma ridtx lanqas nifhem kif spiss kont issejjaħli mill-ġdid" (*Ħajja* 6:9). Il-fiduċja kbira li Tereża għandha f'Alla ġejja mill-fatt li Alla ma jieqaf qatt jistenna li nerġgħu lura lejh, li jurina mħabbtu għalkemm aħna ma nirreċiprokawx l-imħabba li hu jurina, u li assolutament jirrispetta d-deċiżjonijiet kollha tagħna. Tkompli Tereża, "Meta bdejt nevita ċerti okkażjonijiet u ningħata iżjed għat-talb,



beda l-Mulej jagħmel miegħi ħafna grazzji li kont nixtieq nirċievi" (*Ħajja* 23:2). Però dan mhux qabel Tereża tiskopri it-triq il-qaddisa tal-umanità ta' Kristu. Tgħidilna li filwaqt li għandu jkollna ċertu distakk mill-fiżiku, "għax hekk jgħidulna nies spiritwali," madanakollu r-ruħ għandha wkoll tkun fid-dinja għaliex "jeħtieġ li nfittxu lill-Ħallieq fost il-ħlejjaq tiegħu" (*Ħajja* 22:8). Ir-ruħ għalhekk "tippreżenta ruħha quddiem Kristu filwaqt li tħobb bla qies l-umanità tiegħu, iġġorru dejjem magħha, titħaddet miegħu, titolbu għal bżonnijiet tagħha, tgerger bix-xogħol tagħha, tifraħ miegħu, ma tinsiehx, u titlob mhux b'talb diġà lest imma permezz tax-xewqat u l-ħtiġijiet tagħha" (*Ħajja* 12:2). Fl-umanità qaddisa ta' Kristu, Tereża tara t-tieni element tal-kontemplazzjoni, triq konkreta li fiha tara l-mod ta' kif Alla jogħġbu jersaq lejha fil-ħajja tagħha u ta' dan tirringrazzjah. Alla mela, minn wieħed li tibża' minnu, issa jsir is-Sinjur li jagħti grazzji lil dawk li jfittxuh. Huwa dak li jixħet fuq il-bnedmin kotra ta' ħniena (ara Ħajja 4:3, 7:22, 8:2-5, 9:7, 14:10, 38:7). Fil-fatt, it-titlu oriġinali tal-*Ħajja* huwa l-*Ktieb tal-Ħniena ta' Alla*.

Fid-diskussjoni tal-Qaddisa tidher spiss il-ġrajja ta' Marta u Marija. Għal Tereża, ir-ruħ li tinsab kwieta fit-talb "bla ma tiċċaqlaq jew titħarrek" tgawdi mill-kwiet ta' Marija kif ukoll mit-talba ta' Marta. "Hija, biex ngħidu hekk, attiva u kontemplattiva fl-istess waqt, tifhem il-ħidmiet ta' mħabba li l-aktar jgħoddu għall-istat tagħha, taqra u tifhem x'inhi l-aħjar parti li għandha tagħżel; daqslikieku qiegħda titkellem ma' waħda u fl-istess waqt titkellem mal-oħra, u allura la hija kompletament ta' waħda u lanqas tal-oħra" (*Ħajja* 17:4). F'din il-qagħda, bejn stat u ieħor, mela, kulma r-ruħ tixtieq hi "li tkun miegħu" (*ibid.*). Għal Tereża huwa fil-fatt sinjal ta' "nuqqas ta' umiltà jekk nixtiequ li nitilgħu hemm, fejn is-Sinjur jixtieqna nkunu bla ma nikkuntentaw qabel li nimmeditaw ħaġa tassew prezzjuża bħal din, jekk irridu nkunu Marija qabel ma nkunu ħdimna bħal Marta" (*Ħajja* 22:9). Kif jistgħu jsiru magħna ħwejjeġ kbar jekk ma nafux kemm aħna maħbubin minn Alla? (ara *Ħajja* 10:6) Il-kontemplazzjoni għall-Qaddisa mela hija avventura ta' ħbiberija, bħal dik ta' Ġesù ma' Marta u Marija, hija li nkunu weħidna miegħu u wkoll li naħdmu miegħu, li nħallu lilna nfusna ninġibdu minnu, li nħalluh ikun preżenti u liberu li jgħix fostna. Fl-aħħar mill-aħħar hija li "nemmnu f'Alla iżjed u iżjed" (*Ħajja* 28:8).